**23 ta' Novembru, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Rev. Emmanuel Borg, C.V., B.L. Can., D.D. ne.

*versus*

Alfred Salomone, O.B.E. ne.

**Esproprjazzjoni — Kumpens — "Agreement" — Art. 12 u 20 tal-Kap. 136 — Att XXVII tal-1956.**

*F'kawża li s-sid ta' art li ġiet esproprjata jagħmel kontra l-awtorità rekwiżizzjonanti biex jiġi dikjarat u deċiż illi l-kumpens lilu pagabbli għandu jkun dak li kien ġa ġie mif-*

*tiehem bejnu u bejn l-awtorità kompetenti, avvolja dan il-ftehim ma jkunx sar bil-miktub, il-kwistjoni ma hix wahda tal-validità formali tal-ftehim m'nnu allegat; u ghalhekk ma ghandux jinghad li dak il-ftehim huwa null ghax ma sarx bil-miktub. Il-kwistjoni hija jekk kienx hemm bhala fatt ftehim dwar l-ammont tal-kumpens pagabbli lis-s'd, jekk kienx hemm bejn is-sid u l-awtorità "agreement" dwar il-kumpens.*

*U billi l-liġi ma tirrikjedix ebda forma speċjali ghall-validità tal-"agreement", ma jistax jinghad li l-"agreement" huwa null ghax sar, jekk sar, mhux b'att publiku jew bi skrittura privata. Il-kwistjoni tirriżolvi ruhha filli jiġi stabbilit jekk bhala liġi l-ftehim li sar, u fit-termini li sar, jikkostitwix dak l-"agreement" li hu viżwalizzat mil-liġi tal-esproprjazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Taghha r-Reġina li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi b'rikors numru hdax (11) tas-sena 1957, preżentat quddiem il-Board tal-Arbitraġġ dwar Artijiet, fl-ismijiet inversi, il-konvenut nomine talab illi l-imsemmi Board jghoġbu jordna lill-attur nomine li jittrasferixxi a favur tal-konvenut nomine b'titolu ta' xiri assolut il-biċċa art il-Gżira fil-kuntrada "ta' Taljana", talkejl ta' 1491 qasab kwadri, tmiss mill-punent in parti ma' Sqaq Taljana u in parti ma' proprjetà tan-Nobbli Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani, minn nofs inhar in parti ma' proprjetà tan-Nobbli Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani, in parti ma' proprjetà ta' Anthony Grech u ohrajn, u in parti ma' proprjetà ta' Joseph Calleja, u mil-lvant mal-bqija tal-ghalqa li minnha taghmel parti, u li jiffissa kumpens relattiv u jaghti l-provvedimenti kollha mehtieġa skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet (Kap. 136 tal-Liġijiet ta' Malta); illi l-konvenut nomine ha l-pussess materjali tal-imsemmija biċċa art żmien twil qabel il-preżentata quddiem l-imsemmi Board tar-rikors fuq riferit, u ftit żmien wara li hekk ha l-pussess tal-istess art u preċiżament wara l-ewwel stima tal-istess art maghmula mill-"Land Acquisition Engineer" tad-9 ta' Frar 1954, fejn l-imsemmija art ġiet stmata £8794 17. 2, fuq proposta tal-istess konvenut nomine ġie konkjuż ftehim

bejn il-kontendenti fis-sens li l-kumpens għall-art imsemmija jkun fl-ammont ta' £8794. 17. 2 imsemmi, salva riżerva favur l-attur nomine li jitlob l-eċċess fuq dak l-ammont peress li huwa dejjem ippretenda kumpens akbar minn £8794. 17. 2; illi fir-rikors numru 11 tas-sena 1957 fuq riferit, pendenti quddiem il-Board dwar Arbitraġġ dwar Artijiet, l-attur nomine barra milli ssottometta li l-kumpens relattiv għandu jkun ta' £14,806. 13. 4, irrileva, fir-risposta tiegħu tat-18 ta' Jannar 1958, li l-kontendenti kienu qablu u ftehmu li l-kumpens kellu jkun £8794. 17. 2, salva favur l-attur nomine r-riżerva fuq imsemmija; u illi dwar dan il-ftehim oppost mill-attur nomine, il-Board, b'deċiżjoni taż-17 ta' Novembru 1958, irriżerva d-definizzjoni tal-kwistjoni fuq imsemmija għad-deċiżjoni taċ-Chairman tal-istess Board sedenti bħala Imħallef tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u pprefiġġa lill-attur nomine terminu ta' ħmistax il-ġurnata biex iġib il-quddiem it-talba relattiva f'din il-Qorti;

Talab li għar-raġunijiet fuq imsemmija jiġi minn dik il-Qorti dikjarat u deċiż illi bejn il-kontendenti kien sar ftehim li l-kumpens relattiv għall-imsemmija biċċa art fil-Gżira, fil-kuntrada "ta' Taljana", tal-kejl ta' 1491 qasab kwadri, ikun fl-ammont ta' £8794.17.2, b'riżerva favur l-attur nomine li jitlob l-eċċess fuq dak l-ammont li huwa dejjem ippretenda;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' April 1959, li biha laqgħet l-eċċezzjoni tan-nullità tal-ftehim opposta mill-konvenut, u ċaħdet it-talba tal-attur, spejjeż mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-attur nomine; wara li kkunsidrat;

Illi l-eċċezzjoni tan-nullità tal-ftehim, anki jekk dan sar, minħabba n-natura prevalenti tagħha, għandha loġikament tiġi nvestita qabel kwalunkwe eċċezzjoni oħra opposta mill-konvenut;

Illi din l-eċċezzjoni hija evidentement bażata fuq l-art. 1277 tal-Kodiċi Ċivili, fejn jingħad illi għandhom isiru b'att publiku jew b'kitba privata, taħt piena ta' nullità, in-negozji ġuridiċi hemm speċifikati, fosthom il-ftehim li jkun fih wegħda ta' trasferiment jew ta' akkwist, taħt kull titolu li jkun, tal-proprjetà ta' beni immobili jew ta' jedd ieħor fuq dawn il-beni" Issa, l-attur qiegħed jippretendi fiċ-ċitazzjoni illi "fuq proposta tal-istess konvenut nomine ġie konkjuż ftehim bejn il-kontendenti fis-sens li l-kumpens għall-art imsemmija jkun fl-ammont ta' £8794.17.2, salva riżerva favur l-attur nomine li jitlob l-eċċess fuq dak l-ammont peress li huwa dejjem ippretenda kumpens akbar"; u l-oġġett tal-kawża odjerna huwa preċiżament li jiġi dikjarat u deċiż illi bejn il-kontendenti kien sar dan il-ftehim. Il-konvenut, minn naħa tiegħu, għad li jikkontesta dan il-ftehim, oppona illi, jekk anki kien hemm, il-ftehim ma jiswiex billi ma sarx bil-miktub;

Illi, skond il-provi, ma jidherx li hu kontestat illi l-attur kien aċċetta li jittrasferixxi lill-konvenut il-proprjetà tal-fond in kwistjoni in segwitu għall-publikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur li l-fond kien meħtieġ għal skop publiku; ġie bejn il-kontendenti stabbilit l-ammont tal-kumpens fis-somma ta' £8794. 17. 2, bir-riverva favur l-attur fuq indikata; saret il-minuta tal-kuntratt, u kienet ġiet saħansitra fissata il-ġurnata tal-publikazzjoni, li ma saretx għal raġunijiet li ma jinteressawx din il-kawża. Dan il-ftehim jammonta ġuridikament almenu għal konvenzjoni ta' promessa ta' trasferiment jew akkwist ta' proprjetà ta' beni immobili; u sabiex ikun vinkolanti, kien meħtieġ jirriżulta għall-anqas minn skrittura privata, mentri din il-formalità ma ġietx osservata. Issa, ma hemmx dubju li din il-formalità hija mill-liġi rikjesta "ad substantiam", tant li n-nuqqas tagħha jġib miegħu n-nullità tal-ftehim. Del resto, l-intenzjoni tal-leġislatur, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawża "Borg vs. Dimech", deċiża fit-22 ta' Ottubru 1920, kienet "per far sì che certe convenzioni risultino da atto scritto, e si eviti che si debbano provare nei giudizi con prove testimoniali le quali potrebbero essere causa d'incertezza e di protilazioni processuali"; u dan l-inkonvenjent avvera ruħu anki fil-proċeduri odjerni;

Illi, fil-każ li dak il-ftehim ma kienx jammonta għal sempliċi promessa, iżda għal trasferiment veru u proprju, billi l-oġġett tiegħu kienet il-proprjetà ta' stabbili, u billi l-konvenzjoni, sija pure ta' fond esproprjat, tikkostitwixxi kompro-vendita (Kollez. XIII, 196, u l-ġurisprudenza tagħna kostanti), isiru applikabbli għal dak it-trasferiment ir-regoli tal-bejgħ, fosthom dik tal-art. 1413 (1) Kod. Ċiv., fejn hu dispost illi l-bejgħ ta' beni immobili ma jiswiex jekk ma jsirx b'att publiku;

Illi identika tkun il-konsegwenza jekk, "ex hypothesi", il-ftehim in kwistjoni jittieħed bħala transazzjoni (art. 1277 (d) u art. 1813 Kod. Ċiv.);

Illi xejn ma jiswa li l-liġi tal-esproprjazzjoni tikkontempla l-każ ta' ftehim bejn is-sid u l-awtorità kompetenti, u ma tgħidx x'forma jrid ikollu biex ikun vinkolanti; iżda għad li dik hija liġi speċjali, ma jfisserx li l-liġi komuni mhix applikabbli f'każ ta esproprjazzjoni, kif jidher, bħala eżempju, minn neċessità li t-trasferiment ta' immobili jsir b'att publiku skond il-Kodiċi Ċivili, mentri xejn ma jingħad fuq daqshekk fil-liġi tal-esproprjazzjoni (Kollez. XIII. 196). U l-Qorti tal-Appell ta' Palermo, fil-kawża Ministero Pubblico Istruzione c. Lampiadi, deċiża fil-21 ta' Diċembru 1910, irribadiet dan il-prinċipju, u rriteniet illi "il procedimento di espropriazione per utilità pubblica è regolato non solo dalla legge speciale del 25 giugno 1865, ma anche dalla legge comune (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 1314 para. 1029); liema dispożizzjoni hija analoga għall-art. 1277 fuq ċitat. Barra minn hekk, il-liġi tal-esproprjazzjoni, kif emendata bl-Att XXVII tal-1956, u preċiżament id-dispożizzjoni transitorja, tekwipara l-ftehim dwar il-kumpens għal dak li jiġi fissat mill-Board tal-Arbitraġġ, jiġifieri li jkun stabbilit b'mod legalment vinkolanti u rrevokabbli;

Illi lanqas jista' jingħad li skond l-art. 1397 tal-Kodiċi Ċivili l-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz; għaliex dan il-ftehim f'każ ta' bejgħ ta' stabili, biex ikun vinkolanti, għandu jsir bil-miktub; u dan mhux biss fil-konfront tat-terzi, iżda anki fir-re-

lazzjoni bejn il-partijiet; billi l-formalità hija rikjesta "ad substantiam", u mingħajrha l-ftehim ma jkollux eżistenza ġuridika (Kollez. XXVII-I-773);

Illi mingħajr valur hija wkoll il-pretensjoni tal-attur, illi ċjoè l-ftehim kien jirrigwarda l-kumpens biss, u mhux anki t-trasferiment tal-fond; difatti, il-ftehim għandu jittieħed fil-kumpless tiegħu, u billi mhix konċepibbli l-fissazzjoni tal-kumpens jekk mhux in konsiderazzjoni tat-trasferiment tal-fond, dak il-ftehim, biex jkun vinkolanti, kellu jkun rivestit bil-formalità mposta mill-liġi, u kwindi n-nullità tolqot il-ftehim kollu, kompriż dak rigwardanti l-kumpens;

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx bżonn li tiġi affrontata l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar in-nuqqas ta' ftehim, billi, anki fil-każ li kien hemm, dan legalment ma jiswiex;

Rat in-nota tal-attur nomine li biha appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata, billi tiġi miċħuda l-eċċezzjoni tan-nullità tal-ftehim opposta mill-appellat nomine, u tiġi milqugħa t-talba tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta tal-appellat, li wieġeb illi fil-meritu s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma, in kwantu laqgħet l-eċċezzjoni opposta mill-appellat u ċaħdet it-talba tal-attur nomine, u fl-istess ħin appella inċidentalment minn dik is-sentenza mill-kap tal-ispejjeż, u talab li tiġi riformata, billi tiġi konfermata in kwantu laqgħet l-eċċezzjoni tal-appellat u ċaħdet it-talba tal-attur u waħħlitu l-ispejjeż tiegħu u d-dritt tar-Reġistru, u tiġi revokata in kwantu waħħlet lill-appellat l-ispejjeż tiegħu, billi minflok jiġi deċiż illi l-ispejjeż kollha ta' l-ewwel u ta' din l-istanza jbatihom l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-appell prinċipali tal-attur;

Kontra t-talba tal-attur il-konvenut issolleva żewġ eċ-

ċezzjonijiet, ċjoè (1) illi l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas għall-art in kwistjoni ma kienx ġie miftiehem bejn l-attur u l-konvenut, u (2) anki kieku kellu jingħad illi ntħalaq xi ftehim, dan huwa null u bla ebda effett, għax ma sarx b'att publiku, u lanqas bi skrittura privata;

L-Ewwel Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenza appellata, iddeċidiet biss it-tieni eċċezzjoni. Naturalment, għall-finijiet tagħha, hi ddelibat il-fatti sa fejn deherilha neċessarju, iżda ma tat ebda deċiżjoni fuq l-ewwel eċċezzjoni;

L-istess ħaġa, għall-finijiet ta' dan l-appell, sejra tagħmel din il-Qorti, mingħajr ma b'daqshekk tippronunzja ruħha b'ebda mod fuq dak l-aspett tal-kawża, kif jiġi spjegat aktar il-quddiem;

Milli jidher mill-provi miġbura fil-proċeduri quddiem il-Land Arbitration Board, li għalihom saret riferenza, fit-12 ta' Mejju 1954 l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur ħareġ Dikjarazzjoni taħt l-art. 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Publiċi (Kap. 136), li biha ddikjara li l-art in kwistjoni, fost artijiet oħra, kienet meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop publiku, u li l-akkwist tagħha kellu isir b'xiri assolut. Apparentement, ftit wara, il-Gvern ħa f'idejh pussess ta' dik l-art. u beda jibni skola fuqha (fol. 28, dok. "Y"). B'dan kollu, ebda proċeduri quddiem il-Board tal-Arbitraġġ, jew xort'oħra taħt l-imsemmija Ordinanza, dak iż-żmien ma ttieħdu, ħlief l-imsemmija Dikjarazzjoni tal-Gvernatur. Anki din stess, għad li ġiet publikata, ma jidherx li ġiet notifikata lill-attur, u lanqas ma ġiet kopja tagħha preżentata fir-Reġistru ta' dak il-Board, kif provvdut fl-art. 8(2) tal-imsemmija Ordinanza. In-"Notice to Treat" kontemplat fl-art. 11 ma sarx, u ma sar ebda rikors quddiem il-Board biex dan iordna t-trasferiment tal-art. u jiffissa l-kumpens. Minflok dan kollu, għall-ħabta ta' Diċembru 1955 l-attur ġie avviċinat biex jagħti nformazzjonijiet ħalli ikun jista' jiġi urġentement publikat il-kuntratt tat-trasferiment (fol. 27. Dok. "X"). Ġie offert lill-attur prezz ta' £8794.17.2, li hu ma aċċettax għax deherlu baxx ħafna; infatti, skond il-perit tiegħu l-art kellha valur ta' £15,000 ċirka (fol. 33). Mb-

għad, billi, kif jidher, il-Gvern kellu premura li l-flus għall-akkwist tal-art jinħarġu mill-kaxxa qabel ma tagħlaq is-sena finanzjarja allura korrenti, ġie ppruvat li jintlaħaq ftehim li l-attur jersaq għall-kuntratt ta' trasferiment tal-art jew għal kuntratt ta' konvenju għal dak it-trasferiment (għall-finijiet tal-punt legali nvolut id-differenza mhix importanti), billi jirċievi l-prezz offert mill-Gvern b'riżerva favur l-attur li l-quddiem, jekk irid, jirrikorri quddiem il-Board tal-Arbitraġġ għal kumpens ogħla. Dan l-arranġament jidher li kien ġie approvat mill-Kurja Arċiveskovili, u ma kienx jonqos ħlief il-kuntratt (fol. 28-29). Din l-approvazzjoni ngħatat fl-24 ta' Marzu 1956. Għad illi kien tlesta l-abbozz tal-minuta tal-kuntratt, u milli jidher ġiet anki fissata l-ġurnata għall-publikazzjoni tiegħu, din fil-fatt ma saretx għal xi raġuni li ma tidherx ċara; u l-urġenza spiċċat. Allura l-Awtorità Ekkleżjastika, immedjatament interpellata jekk kienetx sejra tippermetti li l-kuntratt ikompli jsir, iddikjarat li, ladarba l-urġenza spiċċat, kien aħjar li l-kwistjoni tiġi quddiem il-Board tal-Arbitraġġ (fol. 47);

Dawk il-proċeduri nbdew regolarment fit-23 ta' Novembru 1957, bin-notifika ġudizzjarja lill-attur tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur u bin-"Notice to Treat", u tkomplew bir-rikors tal-konvenut li bih talab li l-Board jordna t-trasferiment tal-art u jiffissa l-kumpens. Il-kumpens li f'dawk il-proċeduri l-konvenut qed joffri lill-attur huwa ta' £2860; liema kumpens qed jiġi deklinat mill-attur, li jippretendi £14,806.13.4. Oltre dan, l-attur fir-risposta tiegħu fol. 13 isemmi li "l-partijiet kienu ġa qablu li dak il-kumpens ikun ta' £8974.17.2, salva riżerva favur tiegħu li jirrikorri lejn il-Board għall-eċċess fuq dak l-ammont, peress li hu dejjem ippretenda kumpens akbar" (fol. 13 tergo);

Fil-fehma tal-Qorti, id-differenza bejn il-prezz jew kumpens ta' £8794.17.2 offert lill-attur fl-1955, jew, "ad ogni modo", qabel l-aħħar ta' Marzu 1956, apparentement fuq l-istima magħmula mill-Land Acquisition Engineer fid-9 ta' Frar 1944 (N.B. fol. 2), u l-kumpens issa offert ta' £2860 skond stima ġdida tal-istess Engineer, hi aktarx dovuta għall-promulgazzjoni tal-Att nru. XXVII tal-1956. B'dan l-Att ġiet mogħtija definizzjoni ġdida ta' "building site", li tissostitwixxi dik mogħtija fl-art. 17 tal-Ordinanza

fuq imsemmija; liema emenda ndubbjament taffetta l-valutazzjoni *tal-art.* Mbgħad, bl-art. 7 tal-istess Att, ġie stabbilit *illi dik* l-emenda (fost oħrajn) "...... shall apply to all land acquired after the commencement of this Act", (a) notwithstanding that in respect of such land a Declaration by the Governor under section 3 of the principal law has been made and published, or other proceedings for the acquisition thereof may have taken place prior to the commencement of this Act, unless the amount of compen*sation payable in respect of such land shall have already* been agreed between the competent authority and the owner, or assessed by the Land Arbitration Board";

Ikkunsidrat;

Kieku l-kwistjoni tal-validità formali tal-ftehim allegat mill-attur kellha tkun deċiża b'riferenza għal dak li kien ser isir, kif intqal fuq, bejn Diċembru 1955 u Marzu 1956, din il-Qorti ma kien ikollha ebda eżitazzjoni li taqbel mal-*konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, ċjoè illi* dak il-ftehim, li sar biss bil-fomm, kien null. Kieku l-kawża kienet, ngħidu aħna, biex in forza ta' dak il-ftehim il-konvenut jaddivjeni għall-kuntratt ta' trasferiment jew ta' promessa ta' trasferiment li allura kienu kontemplati, huwa ċar illi dak il-ftehim ma kienx ikun inforzabbli; għax jew si trattava biss ta' trattattivi ta' konvenju ta' bejgħ, *li legalment kien għad ma huwiex vinkolanti*, jew si trattava ta' *veru u* proprju konvenju ta' bejgħ, li biex jorbot legalment kien jirrikjedi almenu l-forma ta' skrittura privata. *Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti,* huwa fallaċi dak li jippretendi l-attur illi l-ftehim kien jirrigwarda biss il-kumpens, u mhux it-trasferiment ukoll. Dak li kien ser isir kien komprovendita barra d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri tal-Ordinanza speċjali dwar l-Akkwist ta' Artijiet. Non ostante li kienet ġa ġiet *publikata* d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur, ma kien għad hemm xejn li kien jobliga lill-attur li jittrasferixxi l-art lill-konvenut "bil-mod li kien ser isir". Dan il-"mod" kien ser jiġi adoperat volontarjament, bħal kif, per eżempju, għad illi jkun jeżisti *u jkun rikonoxxut dritt ta' rkupru, u anki tkun ġa ġiet pre*żentata ċ-ċedola, xejn ma jimpedixxi, iżda minn naħa l-oħra xejn ma jobliga, lix-xerrej li jagħmel ir-rivendizzjoni

lil dak li għandu d-dritt ta' rkupru b'vendita bonarja minflok bil-proċeduri stabbiliti mill-liġi. Il-ftehim kien għat-trasferiment bil-prezz provviżorjament miftiehem; u għalhekk għall-validità tiegħu, relattivament għal dak li kien ser isir, kienet meħtieġa l-forma skritta. Dan apparti milli, anki fil-kontemplazzjoni tal-partijiet, il-ftehim kellu jkun inkorporat fil-kuntratt opportun. Għalhekk l-istess attur kien qal fir-rikors tiegħu lill-Kurja Arċiveskovili "che i preliminari...... sono al completo, e non manca che il contratto", u talab li jkun awtorizzat "ad apparire nell'atto contrattuale" (fol. 29);

Iżda, fil-fehma ta' din il-Qorti, din mhix il-bażi li fuqha l-kwistjoni għandha tiġi deċiża. Il-kwistjoni issa mhijiex li jiġi eżegwit dak li allura kien ser isir u ma sarx. Il-ftehim issa huwa nvokat mill-attur in konnessjoni mal-proċeduri pendenti quddiem il-Board, u għad illi l-attur ma spjegahx ċar, il-Qorti ma tħossx li hemm dubju illi r-rilevanza ta' dak il-ftehim (dejjem, s'intendi, jekk sar) mill-punto di vista tal-attur, għall-finijiet ta' dawk il-proċeduri, qegħda fl-art. 12(1) u 20(1) tal-imsemmija Ordinanza (li ġew kjarament invokati mill-attur anki fit-trattazzjoni orali tal-appell), u forsi speċjalment fl-art. 7 tal-Att nru. XXVII tal-1956 fuq riportat, fil-parti rilevanti tiegħu. Sostanzjalment, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-attur, in vista tal-fatt illi l-kumpens issa offert mill-konvenut hu sostanzjalment anqas minn dak li kien ġie oriġinarjament offert u aċċettat b'riżerva, qiegħed jinvoka l-ftehim allegat minnu biex isostni illi l-kumpens li għandu jiffissa l-Board fil-proċeduri pendenti quddiemu jew għandu jkun, għall-anqas, dak oriġinali, jew, fi kwalunkwe każ, li fil-likwidazzjoni tal-kumpens il-Board ma għandux japplika l-emenda magħmula bl-imsemmi Att tal-1956. Il-konvenut stess dan fehmu tajjeb, kif jidher ċar minn nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu u d-dikjarazzjoni annessa magħha f'din il-kawża;

Issa, trattata l-kwistjoni minn dan l-aspett, din il-Qorti ma tħossx, bir-rispett kollu, li tista' taqbel mal-Ewwel Qorti illi l-ftehim allegat mill-attur għandu jitqies null minħabba difett ta' forma Għad illi jista' jkun veru illi l-esproprjazzjoni ta' art jew bini għall-utilità publika hi regolata, barra milli bil-liġi speċjali, anki bil-liġi komuni,

dan naturalment ma jfisserx illi din il-liġi komuni, u senjatament l-art. 1277 tal-Kodiċi Ċivili, għandhom neċessarjament japplikaw għal kull xorta ta' ftehim imsemmi fil-liġi speċjali;

L-art. 2 ta' dik il-liġi jgħid illi: "The amount of compensation ...... may be determined at any time by agreement between the competent authority and the owner". L-art. 20 jgħid:— "If the competent authority and the owner shall agree as to the amount of compensation, ...... the Board, on the application of any one of the parties, shall make an order carrying the agreement into effect". L-art. 7 tal-Att nru. XXVII tal-1956, fuq riportat, jgħid illi l-emenda magħmula b'dak l-Att tapplika anki retroattivament, "unless the amount of compensation shall have already been agreed between the competent authority and the owner";

F'ebda wieħed minn dawn il-kontesti l-liġi ma tippreskrivi forma speċjali għall-validità tal-"agreement", u din il-Qorti ma tħossx li tista' tinduċi n-neċessità ta' dak ir-rekwiżit, u l-konsegwenzjali nullità fin-nuqqas tal-istess rekwiżit, mill-applikazzjoni għal dawk il-kontesti tal-imsemmi art. 1277 tal-Kodiċi Ċivili. F'kull waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet il-liġi tikkontempla "agreement" relattiv biss għall-kumpens;

Ċertament, il-Qorti taqbel għal kollox mal-Ewwel Qorti illi anki fid-dispożizzjonijiet fuq imsemmija l-liġi qegħdha tikkontempla ftehim "vinkolanti u irrevokabbli"; ftehim li mhux tali lanqas biss jista' jissejjaħ ftehim f'sens ġuridiku. Iżda li tgħid dan mhux l-istess ħaġa bħal li tgħid illi l-ftehim irid ikun bilfors bil-miktub biex ikun validu u obligatorju. L-art. 1276(1) stess tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi illi, meta l-liġi ma tirrikjedix li obligazzjoni għandha tirriżulta minn att publiku jew skrittura privata, il-prova ta' din l-obligazzjoni tista' ssir bil-mezzi kollha ordinarji permessi mill-Kodiċi tal-Proċedura;

Għalhekk, din il-Qorti ma hix ta' fehma illi tista' tiddeċidi, għall-finijiet tal-imsemmija dispożizzjonijiet, illi l-ftehim allegat mill-attur hu null, sempliċement għax sar, jekk sar, mhux b'att publiku jew bi skrittura privata;

Il-Qorti tixtieq tiddikjara bl-aktar mod ċar illi l-kwistjoni deċiża b'din is-sentenza tirrigwarda unikament il-validità formali tal-ftehim. Hi bl-ebda mod ma qegħdha tippronunzja ruħha dwar jekk, bħala fatt, il-ftehim tassew sarx kif jallegah l-attur, jew jekk, bħala liġi, il-ftehim li sar u fit-termini li sar jikkostitwixxix dak l-"agreement" viżwalizzat fl-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi speċjali b'mod li jirrendi dawk id-dispożizzjonijiet jew xi waħda jew oħra minnhom, applikabbli għall-każ tal-attur. Dawk huma kwistjonijiet li joħorġu mill-limiti ta' dan l-appell, u għalhekk jibqgħu għal kollox salvi u impreġudikati;

Fuq l-appell inċidentali tal-konvenut;

Dan l-appell hu limitat għall-kap tal-ispejjeż. Anki apparti minn jekk din il-Qorti, kieku stess akkoljiet filmeritu t-teżi tal-konvenut, kienetx tkun disposta li tiddisturba dwar l-ispejjeż id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti, hu ċar li in vista tal-konklużjoni raġġunta kif intqal fuq, l-appell inċidentali tal-konvenut ma jistax jiġi milqugħ;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi;

Fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tilqa' l-appell tal-attur, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiċħad l-eċċezzjoni relattiva tal-konvenut;

Tiċħad l-appell inċidentali tal-istess konvenut;

Tordna li l-ispejjeż, tant tal-ewwel istanza kemm tal-appell, jitħallsu mill-konvenut;

U tordna li l-atti jiġu rimessi lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża.